MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2004

Appell Kriminali Numru. 114/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur J. Mercieca)**
**Vs**

**Victor Borg**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-12 ta' Settembru, 2002 u/jew f'xhur ta' qabel bhala persuna responsabbli ghat-tmexxija ta' l-istabbiliment Mange Tout Restaurant, 356 Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar:**

**1) Bil-lejl kiser u/jew xort'ohra ppermetta li jinkiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes u/jew b'mod iehor (338(m));**

**2) Ikkaguna u/jew halla li jsiru hsejjes daqshekk qawwija li dejjaq lid-detenturi jew lin-nies li joqghodu fil-qrib bi ksur tal-Artikolu 41(1) tal-Kap. 10 tal-Ligijiet ta’ Malta;**
**3) Iggesta u/jew mexxa l-istabbiliment Mange Tout Restaurant li jinsab nru. 356 Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar minghajr licenzja tal-Awtorita’ Kompetenti u dan bi ksur tal-Artikolu 338(gg) tal-Kap. 9**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-11 ta’ Mejju, 2004, li biha wara li rat l-Artikolu 338(qq), 338(m) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 41 tal-Kap. 10 tal-Ligijiet ta’ Malta, iddikjarat li sabet lill-imputat hati tal-ewwel zewg akkuzi w ikkundannatu ghal hlas ta’ multa komplessiva ta’ hamsa w ghoxrin lira Maltin (LM25) u ddikjarat li ma sabitux hati tat-tielet akkuza w illiberatu minnha. Ordnat lill-imputat ai termini tal-Artikolu 321(1) tal-Kap. 10 tal-Ligijiet ta’ Malta jnehhi c-cumnija nstallat fil-fond fi zmien xahar u fin-nuqqas jehel hames liri Maltin amenda ghal kull gurnata li l-kontravenzjoni tkompli wara li jaghlaq iz-zmien hawn fuq imsemmi, u cioe’ dak ta’ xahar.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-20 ta’ Mejju, 2004, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabitu mhux hati tat-tielet akkuza w tirrevokaha in kwantu sabitu hati tal-ewwel u tat-tieni akkuza billi tilliberah minn kull imputazzjoni w htija.

**Fliet l-atti kollha processwali;**
**Rat illi l-aggravji tal-appellant kienu s-segwenti ;- 1. li l-Ewwel Qorti bbazat il-konsiderazzjonijiet taghha fuq il-konkluzzjonijiet ta’ rapport tekniku li halla hafna mistoqsijiet u dubji dwar il-livell ta’ hsejjes kagjonati mill-*extracto*r il-gdid u ma haditx konjizzjoni tal-fatt li rrizulta li l-appellant kien ripetutament offra li jgholli c-cumnija a spejjez tieghu biex zgur tigi annullata kull possibilita’ ta’ hsejjes u inkonvenjent ghall-kwerelant , izda dan, b’ intransigenza kbira, dejjem irrifjuta li jikkoopera mall-appellant . 2. li dwar l-*airconditioning units* l-espert kien ikkonkluda li ma kienx possibbli**

**ghalih li jkejjel il-livell ta' hsejjes minnhabba l-hsejjes kagjonati mit-traffiku li jkun ghaddej fit-triq mentri ghall-*extractor unit* il-perit kejjel il-livell tal-hsejjes; 3. illi jidher li hemm kontradizzjonijiet fir-rapport peritali ghax qal li meta t-tieqa tal-kamra tas-sodda tal-kwerelant tithalla maghluqa , kemm meta l-*extractor system* tkun mixghula kif ukoll meta tkun mitfija, l-livell ta' hsejjes konstatati jaqbzu l-valur ta' 30dBA rakkomandat mill-WHO . Minn-naha l-ohra qal li bit-tieqa miftuha , il-livell ta' hoss jeccedi l-massimu rakkomandat meta l-*extractor* tkun mixghula. Dan imur kontra l-logika ghaliex it-tieqa maghluqa ghandu jkollha l-effett li tnaqqas il-livell tal-hsejjes ; 4. Illi hija haga kurjuza kif hadd mill-girien ma lmenta hlief Albert Farrugia ; 5. Illi jekk titnehha c-cumnija kif ordnat mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, l-allegat inkonvenjent ghall-kwerelant ironikament ghandu l-potenzjal li jizdied u mhux jonqos.**

**Semghet ix-xhieda mill-gdid ;**

**Semghet it-trattazzjoni ;**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi mil-provi mismugha mill-gdid minn din il-Qorti jidher assodat li bl-operazzjoni tal airconditioning units mall-faccata ftit piedi il-boghod mit-twieqi tal-kwerelant Albert Farrugia, dan qed jigi disturbat u jkollu jzomm it-twieqi maghluqin . Umbaghad l-appellant fuq gewwa , saqqaf il-bitha w pogga fuqha cumnija *b'extractor fan* li taghmel tant hoss li ma thallihx jorqod . Dawn jithaddmu kulljum bejn xil-11 am u t-3 am tal-ghada.**

**Il-Perit nominat mill-Qorti Valerio Schembri, kkonferma r-relazzjoni tieghu (Fols. 6 sa 16 tal-process) u senjatament il-konkluzzjoni tieghu li l-*"extractor system fil-kcina tal-fond proprjeta' ta' jew***

***amministrat mill-imputat qed johloq inkonvenjent meta t-tieqa tal-kamra tas-sodda tal-fond tal-kwerelant tkun miftuha.*" Din il-konkluzzjoni l-Perit Schembri bbazha fuq "readings" li ha bi strument li jkejjel il-hoss u a bazi ta' livelli accettabbli skond kriterji tal-** World Health Organisation**. Fir-rigward tal-*outdoor airconditioning units* l-espert ikkonkluda pero' li ma tistax issir analisi konklusiva tar-rizultati minhabba l-hsejjez tat-traffiku fit-triq.**

Jidher umbaghad implicitament li l-appellant jaf li hemm certu inkonvenjent ghax kieku ma offriex hu stess li jaghmel xoghol rimedjali bhal per ezempju billi jgholli c-cumnija kif ikkonferma fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti . L-appellant pero' sostna li hu ilu bir-restaurant hames snin u qablu kien hemm restaurant iehor. Meta dahal hu fil-post, Farrugia kien qallu li l-*extractor* l-antik kien qed jaghmel il-hoss u ghalhekk hu kien ghamel wiehed gdid u ried jgholli c-cumnija izda kien Farrugia li zammu milli jaghmel dan. Umbaghad wara xi sentejn Farrugia beda jirraporta.

**L-Ewwel Qorti fis-sentenza assennata taghha munita b' citazzjonijiet mill-gurisprudenza in materia , u konfortata minn relazzjoni peritali li hi bazata fuq testijiet** oggettiv**i gustament ma setghetx hlief tikkonstata htija dwar l-ewwel u t-tieni imputazzjoni .**

**Illi l-aggravji tal-appellant ma jreggux . Kuntrarjament ghal dak li hemm fir-rikors tal-appell, ir-relazzjoni peritali hija wahda teknika w oggettiva u fejn il-kaz imur favur l-appellant dan qalitu car u tond. Di fatti l-perit ma ta' ebda konkluzzjoni fir rigward tal-"*outdoor airconditioning units"* li hemm mall-faccata , u fejn irrizultu li bit-twieqi tal-kamra tas-sodda maghluqin xorta wahda ikun hemm livell ta' hsejjes ambjentali oghla minn dak rakkomandat skond kriterji ta'** World Health Organisation**, kemm jekk l-*extractor* ikun mixghul kif ukoll jekk ikun mitfi dan qalu . Pero' umbaghad ikkonkluda li meta t-twieqi ikunu miftuhin , il-fattur li jgieghel il-livell tal-hoss jeccedi dak accettabbli hu l-extractor mixghul u ebda fattur iehor .**

**Ghalhekk ma hawn ebda kontradizzjoni jew nuqqas ta' logika f'dan, imma dan jirrispekkja l-fatt li hemm zewg *"benchmarks*" jew gradi ta' livelli ta' hoss accettabbli , wahda bit-twieqi maghluqin u wahda bit-twieqi miftuhin. (ara para. 3 u 4 tar-relazzjoni a fol. 14 tal-process) . Konsegwentement l-ewwel u t-tielet aggravji huma nfondati.**

Illi l-aggravju bazat fuq il-fatt li l-perit ma setax ikejjel il-livelli ta' hoss tal-*outdoor airconditioning units* fuq barra t-triq minnhabba l-hsejjes tat-traffiku zgur li ma rreka ebda pregudizzju ghall-appellant , ghax il-perit b'ebda mod ma gibed xi konkluzzjoni avversa kontra tieghu u di fatti l-Ewwel Qorti ma ghamlet ebda ordni ghat-tnehhija taghhom fis-sentenza appellata.

**Illi l-fatt li qed jilmenta biss Albert Farrugia mhu sorprendenti xejn ghax wara kollox hu biss joqghod ezatt fuq ir-restaurant tal-appellant u ghalhekk hu ovvju li l-hsejjes u l-inkonvenjent l-aktar li jeffettwaw huma lilu . L-ilment ta' Farrugia anki jekk jitqies wiehed soggettiv huwa umbaghad kif gja ntqal sorrett mill-konkluzzjonijiet peritali li jikkostitwixxu t-**"test oggettiv**" li ssemmi l-gurisprudenza (ara App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Dione u Medelene Cardona**" [31.7.1988]; App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Joseph Pizzuto**" [30.4.1998] u App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Michael Grech**" [30.4.1998] citati ukoll mill-Ewwel Qorti. Ghalhekk ir-raba' aggravju ukoll hu infondat .**

Umbaghad jekk l-ordni maghmul mill-Ewwel Qorti biex titnehha c-cumnija w ovvjament l-*Extractor fan* li jifforma parti minnha hux ser izid jew inaqqas l-inkonvenjent ma hux kompitu ta' din il-Qorti li tarah . Hu ovvju pero' li jekk lanqas dan ir-rimedju ma jkun bizzjejjed biex jitnaqqas l-inkonvenjent, Albert Farrugia ikollu dritt li jerga jipprocedi mill-gdid ghat-tnehhija tieghu. Ghalhekk hu fl-interess tal-istess appellant li jekk ser jaghmel xi xoghol, dan iwassal biex jigi eliminat ghal kollox l-inkonvenjent .

Illi jigi osservat li Albert Farrugia mhu bl-ebda mod obbligat li jaghti xi permessi lill-appellant biex dan jgholli

c-cumnija kif ippretenda l-appellant . Albert Farrugia ghandu kull dritt li jgawdi l-paci w l-mistrieh tieghu go daru f'kull hin tal-gurnata bla ma jcedi xejn mid-drittijiet tieghu biex jakkomoda lill-appellant li wara kollox kien hu li ddisturba l-*istatus quo* bit-twahhil tal-apparat fuq imsemmi minghajr ma qaghad iqis kull regola dettata mill-buon vicinat.

Ghalhekk is-sentenza appellata qed tigi konfermata u l-appell michud.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------